# Fr Philip Grech
# Salesjan ta' Don Bosco
## 100 sena mit-twelid tal-ewwel surmast tal-Kulleġġ Savio f'Ħad-Dingli

**Għal ħafna snin, Fr Philip Grech għex fir-raħal tagħna bħala parti mill-komunità Salesjana. F'għeluq il-mitt sena mit-twelid ta' dan l-awtur Salesjan, SAVIO D. BORG ilaqqagħna mal-karattru ta' dan il-bniedem disponibbli u akkoljenti, saċerdot umli u twajjeb, persuna maħbuba u rispettata li tat ħajjitha f'servizz ħalli tinbena soċjetà aħjar.**



*Fr Philip Grech, 1921-1988*

Fr Philip twieled nhar il-11 ta' Mejju, 1921, f'Ħaż-Żebbuġ, Malta. Hu iben Pietru u Carmela neè Caruana. Ta' 18-il sena wieġeb għas-sejħa tal-Mulej u daħal is-Seminarju Maġġuri ħalli jipprepara ruħu għat-triq tas-saċerdozju. Studja fl-Università Rjali ta' Malta fejn iggradwa fil-filosofija u t-teoloġija.

Meta kien seminarista, il-kjeriku Philip, ġie magħżul għal okkażjoni speċjali u unika. Kellu jħejji diskors biex bih jindirizza lill-Arċisqof Mikiel Gonzi fl-okkażjoni tal-ingress solenni tiegħu fil-Katidral tal-Imdina nhar it-Tnejn, it-22 ta' Mejju, 1944. Dakinhar tal-ingress, sewwasew ħdejn il-Banca Giuratale fl-Imdina, twaqqaf ark trijonfali u biswitu pulptu minfejn il-kjeriku Philip qara diskors ta' merħba lill-Arċisqof. Id-diskors kien milqugħ b'applawsi kbar mill-folla kbira preżenti. Fr Philip baqa' jgħożż u jiftakar dik l-okkażjoni għomru kollu!



Nhar il-11 ta' Awwissu 1946, hu ġie ordnat saċerdot. Intbagħat fl-Università ta' Nottingham, l-Ingilterra, biex ikompli bl-istudji tiegħu fil-lingwa Ingliża. Lura f'Malta, hu għallem fis-Seminarju Minuri u għal diversi snin kien jaħdem fl-Azzjoni Kattolika. Bejn l-1953 u l-1956 hu serva bħala s-sitt Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġiljan.

*Waqt l-għoti tal-pussess bħala Kappillan ta' San Ġiljan*

Fl-1956 irriżenja minn Kappillan u ssieħeb mas-Salesjani ta' Don Bosco. Bħala aspirant hu ntbagħat f'Shrigley, l-Ingilterra, fejn kien jgħallem lill-aspiranti sħabu. Fl-1957, beda n-novizzjat tiegħu f'Burwash, l-Ingilterra u kompla f'San Gregorio, Katanja, Sqallija. Fl-1958 ħa l-ewwel voti bħala Salesjan u pprofessa b'mod solenni nhar it-30 ta' Novembru, 1962. Sal-1968, kien assenjat fl-Aspirantat ta' San Ġużepp f'Pedara, f'Katanja.



*Ma' aspiranti Salesjani Maltin f'Pedara, Sqallija*

Fl-1965, is-Salesjani bdew jiżviluppaw biċċa art fir-raħal tagħna biex isservi bħala skola; dak li kellu jkun il-Kulleġġ Savio. Il-mibki Fr Joseph Mangion – li din is-sena wkoll jaħbat il-mitt sena minn twelidu – kien fdat b'din il-ħidma delikata u ta' responsabilità. Fl-1968, il-Kulleġġ Savio beda jiffunzjona bħala skola u bħala l-ewwel surmast insibu lil Fr Philip Grech li għamel sentejn f'din il-kariga. Wara hu baqa' fil-komunitá Salesjana f'Ħad-Dingli iżda ntalab jagħti sehmu fl-Azzjoni Kattolika, u fl-1973 ħatar Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali tal-imsemmi moviment.

Fr Philip kellu pinna tajba. Fost l-għadd kbir ta' xogħlijiet tiegħu nsibu; 'Il-Bniedem ta' Kulħadd', 'Noti Żgħar ta' Katekiżmu', 'Passi Żgħar Wara Mgħallem Kbir', u għadd ta' bijografiji fosthom l-aktar waħda magħrufa, dik ta' San Ġwann Bosco, flimkien mal-ħajja ta' Don Rua, ta' Dun Nazzaren Camilleri SDB, ta' Ceferino Namuncura u ta' Laura Vicuna.

Fr Philip kien saċerdot li jħobb il-pastorali fost il-poplu. Għall-bosta snin, ta sehmu b'mod assidwu fil-parroċċa tagħna. Mhux biss! Kien jinteressa ruħu f'dak kollu li jiġri f'Ħad-Dingli; il-figura tiegħu kienet waħda familjari. Ħafna għadhom jiftakruh għaddej mit-triqat tagħna. Ħad-Dingli kien f'qalbu u kien kuntent jgħix fostna. Hekk insibuh ukoll bħala wieħed mill-finalisti fil-konkors imniedi mill-Kumitat Ċiviku, fl-1969, biex jintgħazel innu għal raħalna. Dan hu l-kliem tal-innu li Fr Philip Grech ressaq għal dan il-konkors, bin-*nom de plume* PHILOCHRON.



*Ma' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca f'għeluq il-45 sena mit-twaqqif tal-Azzjoni Kattolika*